MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Numru. 276/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**CLIVE AGIUS**
**OMISSIS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clive Agius, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 187685 (M) u l-imsemmi Johann Ellul, detentur tal-karta tal-Identita` numru 32685 (M).

**Akkuzati talli:**

1. Gewwa Birkirkara, matul il-lejl ta` bejn is-7 ta` Marzu, 2012, u t-8 ta` Marzu, 2012, ikkommetta serq ta` Vettura Toyota bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 291, ghad-dannu ta` Alfred Bonnici, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 452947 (M), u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li jaccedi mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma ma jaqbisx l-elfejn tlieta u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorti tal-haga misruq bi ksur tal-Artikolu 267, 263 (a), 270 u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Gewwa Triq il-Knisja, l-Imsida, fil-lejl ta` bejn is-7 ta` Marzu, 2012, u t-8 ta` Marzu, 2012, bil-hsieb li jikkommettu serq ta` Roti minn fuq vettura Toyota bin-numru tar-Registrazzjoni IAJ 291, ghad-dannu ta` Alfred Bonnici, dententur tal-karta tal-Identita` numru 452947 (M) u/jew persuni ohra, liema serq, li kieku sar, kien ikun aggravate bil-liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu imma ma jaqbisx l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, bil-mezz, bil-hin u bix-xorti tal-haga misruqa liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhkom skont l-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U ukoll talli saru recidivi b'diversi sentenzi mghotija lilkom mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi huma definite u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula skont Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda;

Wara li rat l-Artikoli 267, 263 (a), 270, 271 (g), 41 (1) (a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Dina l-Qorti rat il-provi u rrizulta li l-imputat acceda fuq il-post gewwa l-Imsida, fejn kienet ipparkjata din il-karozza misruqa minn Johann Ellul, u kwindi ma kellux sehem f'din is-serqa. Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qed tillibera lill-imputat, Clive Agius, minn din l-akkuza.

Fir-rigward tal-piena, u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, tosserva li l-fedina penali tal-imputat hija ferm impresjonanti u twila. Dan l-imputat ilu fil-hajja kriminali minn meta kellu biss tlettax il-sena (13) u l-lista tar-reati tieghu hija varja u konsistenti, fis-sens illi dan jidher illi qatt ma ha xi mistrieh mill-hajja kriminali tieghu.

Din l-Qorti ghandha twaqqaf nies bhal dan l-imputat li posthom mhux fis-socjeta` ghaliex huma ta` periklu ghaliha, izda bi speranza li xi darba dan l-imputat jirranga hajtu, u l-Qorti qiedgha taghmilha cara li jekk le hemm terminu twil ta` prigunerija, qed taghmel ordni ta` *probation* ghal perjodu ta` sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan nonostante tal-akkuza recediva ppruvata, sabiex tatih l-opportunita` li juri lilu nnifsu u l-isocjeta` li hu jixtieq jinbidel ghall-ahjar.

Ghaldaqstant dina l-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------